MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 5

**It-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Michael Debono | Accountant |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**5.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 4 li saret fid-9 ta' Setttembru, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 5.2.1 Korrezzjonijiet

5.2.1.1 Minuta 4.5.5 wara l-kelma "aħjar" tiżdied il-frażi "bl-għan li tiġi riżolta il-problema"
Minuta 4.5.11 wara l-kelma "konċernati" tiżdied il-frażi biex il-Kunsill ikollu jedd"

## 5.3 Punti mqajma mill-minuti

**5.3.1** Minuta 4.3.1 – Is-Sindku ddiskuta fuq ir-rispons tar-residenti waqt il-laqgħa pubblika li saret it-Tnejn 23 ta' Settembru fejn kien ġie preżentat il-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li gejjin 2019-2023. Is-Sindku rrimarka li issa l-Kunsill irid jaħdem fuq dawk is-suġġerimenti u lmenti li ġew imressqa waqt l-istess laqgħa. Is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill sabiex jippreparaw il-*projections* b'*time line* ta' kif ser jitwettaq dan il-pjan ta' ħidma skont kull dekasteru.

5.3.2 Minuta 4.3.2 – Is-Sindku tkellem mal-membri dwar l-attivita' li saret tal-Car Free Day fejn ġew ippreżentati fuq il-mejda l-ispejjeż għal din l-attivita'. Is-Sindku nforma lill-membri li waqt din l-attivita' nġabret is-somma ta' €530 b'risq l-ALS fejn din is-somma, eventwalment ser tiġi ippreżentata.

5.3.3 Minuta 4.3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Avukat tal-Kunsill bagħat ittra uffiċċjali lill-Kuntrattur responsabbli mill-embellishment li qed isisr f'tal-Palazz l-Aħmar.

5.3.4 Minuta 4.4.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill skatta x-xogħol fuq il-monument li ser isir fi Triq il-Kbira wara li l-Kunsill irċieva l-permessi meħtieġ. Jonqos li jixxiftjaw il-kaxxa li hemm tal-GO plc u l-arblu tal-Enemalta.

5.3.5 Minuta 4.5.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-kampanja edukattiva fuq *Social Marketing in Waste Management f'Santa Venera* ser issir il-Ħamis kull erba' ġimgħat bejn id-9:30 sas-13:30 fi Triq Misraħ il-Barrieri. Wara diskussjoni kien hemm qbil li 'l quddiem meta jkun hemm data fissa għandha titwaħħal tabella li tindika din l-informazzjoni sabiex b'hekk ikun hemm aktar għarfien ghar-residenti.

5.3.6 Minuta 4.5.4 – Il-Sindku nforma lill-membri li wara konsultazzjoni maċ-Ċentru ta' Matul il-Jum dwar liema huma dawk l-anzjani li għandhom bżonn *tail lift* biex jattendu rriżulta li hemm persuna waħda li talbitu. F'dan ir-rigward ġie deċiż sabiex ikun infurmat il-Kuntrattur halli hekk kif kien stipultat fit-tender sal-aħħar ta' Novembru ikun provdut it-*tail lift*.

5.3.7 Minuta 4.5.5 – Is-Sindku informa lill-membri li ser isir *survey* mill-Perit fuq Pjazza Franka u dan huwa rikjest sabiex eventwalment jitħejjew id-diżinji neċessarji. Wara

diskussjoni ġie deciz sabiex isiru *flood lights* temporanji. Is-Sindku talab ukoll għal approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir survey simili għall-Misraħ il-Kebbies.

Il-membri qablu unaminament.

5.3.8 Minuta 4.6.2 - Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ġab il-kwotazzjonijiet sabiex jinħatar DPO. Il-Kunsill irċieva 3 kwotazzjonijiet għal servizz ta' *Data Protection Officer*. Dawn waslu mingħand Francois Ganado, mingħand BOOM Consultancy & Advisory Services u mingħand Advocates Primei. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jmur fuq l-irħas offerta dik ta' BOOM Consultancy & Advisory Services. Il-membri irrimarkaw li l-kuntratt irid isir bl-għajnuna ta' avukat u li fost l-oħrajn irid jinkludi l-*minimum hours* li jrid jgħati u jrendi f'servizz.

5.3.9 Minuta 4.6.3 – Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv il-kwotazzjonijiet fuq ir-rivista. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li kienu għadhom qed jinġabru.

5.3.10 Minuta 4.6.4 - Is-Sindku informa lill-membri li rigward il-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart u kif ukoll til-knis għandha issir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jagħtina parir legali.

5.3.11 Minuta 4.6.5 – Dott. Carabott informa lill-membri li l-attivita marbuta mal-*Eco Market* ser tkun posposta għas-sena id-dieħla.

5.3.12 Minuta 4.6.6 – B'referenza għall-attivitajiet tal-Milied, is-Sindku nforma lill-membri li Notte da Venerare ser issir fis-27 ta' Ġunju filwaqt li Betlehem f'Santa Venera ser isir fi Ġnien Romeo Romano bejn is-6 u 8 ta' Diċembru 2019 bil parteċipazzjoni ta' madwar 65 attur, purcissjoni tat-tfal, annimali, ikel, xorb, stalls ta'ġugarelli u tal-ħelu relatat maż-żmien ta' festi. Il-ħinijiet tal-ftuħ ser ikunu kif ġej:

- 6 ta' Diċembru bejn is-6:00pm u 10:00pm
- 7 ta' Diċembru bejn l-10:00am u 10:00pm
- 8 ta' Diċembru bejn l-10:00am u 9:00pm

Wara diskussjoni il-membri qablu li l-Kunsill irid jieħu ħsieb dawl dekorattiv fil-ġnien, meter ta-dawl, mobile toilets u reklami fuq *social media*, posters u banners. Ġie maqbul ukoll li ġnien Romeo Romano jkun magħluq għall-pubbliku mit-2 ta' Diċembru sal-11 ta' Diċembru.

5.3.13 Minuta 4.7 – Dott. Carabott informa lill-membri li l-*Clean Up Day* kienet waħda ta' suċċess fejn irringrazzja lill-patecipanti kollha. Irrimaka dwar l-ammont ta' siringi li nstabu waqt dan it-tindif.

F'dan il-mument fis-7:50pm is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kien wasal l-*Accountant* u b'hekk ikun diskuss punt 5.6.1 tal-Aġenda - *Financial Business Plan*

Is-Sindku talab lill-*Accountant*, is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti l-*financial business plan* li jkopri l-pjan finanzjarju għal din il-leġislatura.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għall-approvazzjoni tal-*financial business plan*. Il-membri qablu unanimament.

**5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

5.4.1 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva r-riżenja tas-Sa Annalise Mallia mill-pożizzjoni ta' skrivana fejn l-aħħar ġurnata ta' xogħol tagħha ser tkun fl-24 ta' Novembru 2019 imma minn dawn iridu jonqsu l-ġranet tal-leave li fadlilha tieħu. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex titħallas ta' parti mill-ġranet tal-leave li fadlilha. Il-membri qablu unanimament..

5.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li waslet talba mingħand il-Kumitat tal-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex nhar it-12 ta' Ottubru issir Car Wash bejn it-8:00am u 12:00pm.

Il-Membri tal-Kunsill ma sabux oġġezzjoni għal din it-talba.

5.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva l-ammont ta' €22 K mir-Reġjun Ċentrali fejn dawn il-flus iridu jkunu abbinati ta' proġett. Is-Sindku rrakomanda li dawnn il-fondi jiġu utilizzati għall-proġett tal-latrina li ser issir fi Ġnien Romeo Romano.

Il-Membri qablu unanimament.

**5.5 Rapporti/Korrispondenza**

5.5.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill dwar Ċirkulari AKL 29/109 Seminar dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali'. Skond il-programm ta' dan il-proġett, ir-Reġjun għandu jikkordina 'an intergenerational creative workshop' fejn kull Kunsill Lokali għandu jistieden parteċipant wieħed/waħda ta' età bejn l-10 u l-20 sena kif ukoll parteċipant wieħed/waħda ta' età minn 50 sena-il fuq sabiex jipparteċipa f'dan il-*workshop*. Dan il-*workshop* ser jittella fis-sala tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar il-Ġimgħa 18 t'Ottubru 2019, mill-4:30pm sas-7:30pm.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex ninfurmaw lill-Fondazzjoni Nanniet Malta.

5.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-*Fun Run* 2019 ser issir fl-24 ta' Novembru fejn din is-sena l-attivita ser tibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali b'permezz ta' konċelabbrazzjoni ta' quddiesa u li għaliha ser ikun preżenti l-Eċċellenza tiegħu, il-President ta' Malta Dr George Vella. Wara diskussjoni saq qbil sabiex il-Kunsill jinvolvi l-iSkawts, Girl Guides u lis-Socjeta Filarmonika ta' Santa Venera. Apparti minn hekk ġie deċiż li ninvolvu ukoll lill-Kumitat Festi Esterni b'tiżjin ta' bandalori u bi bnadar.

Il-Membri qablu unanimament.

5.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand JCI Malta li hija organizzazzjoni volontarja. Għall-kampanja ambjentali ta' din is-sena, JCI Malta ddeċidiet li tiffoka li tħawwel is-siġar madwar lokalijiet differenti. JCI qed jippjanaw li jżommu l-avveniment f'lokalitajiet differenti bejn ix-xahar ta' Novembru jew Dicembru sabiex tkun garantita l-lonġevità tas-siġar imħawwla.

Wara diskussjoni sar qbil sabiex ninfurmaw lill-Contract Manager sabiex jiltaqa' mal-membri ta' JCI Malta u naraw x'tip ta' siġar jistgħu ikunu mħawwla fi Triq il-Ferrovija.

5.5.4 Is-Sindku informa lill-membri li għandna l-kwotazzjonijiet tal-istima ta' armar ta' dawl dekorattiv fejn iż-żoni li ser jiġu armati huma:

- Triq il-Kbira San Guzepp mir-roundabout ta' fejn il-BOV sa Triq it-Turretta, St Venera – (Fustun + Disinn mal-akwadott)
- Triq il-Kbira San Ġużepp minn fejn Triq it-Turretta sa fejn il-Barun Bar, St Venera (Fustun fuq kull naħa + 8-9 Disinn fin-nofs tat-triq imqassmin mat-triq kollha) + 3 oħra tawwalin mal-arbli
- 2 anġli quddiem il-Knisja fi Triq il-Kbira San Ġużepp
- Misraħ Santa Venera - Fustun + Disinn tal-Milied
- Triq Braille
- Patri Ġwann Azzopardi - Fustun u Disinn tal-Milied

Il-Kunsill ġab kwotazzjonijiet mingħand:

- is-Sur Joseph Grech
- C&G Street Lights Decorations
- D Street Lightning
- CDL

Wara diskussjoni l-membri b'mod unanimu qablu li t-tiżjin tal-Milied isir mill-Kumpanjia C&G Street Lights Decorations.

5.5.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill li bħal kull sena irċieva mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza l-applikazzjoni għall-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2019. Il-premjijiet huma miftuħa għal impjegati, min iħaddem, dawk li jaħdmu għal rashom, organizzazzjonijiet u professjonisti fis-settur pubbliku, privat, jew tal-komunità, hu x'inhu d-daqs tal-organizzazzjoni.Wara diskussjoni il-Kunsill qabel sabiex ikun nominat is-Sur Christian Micallef.

Is-Sur Joseph Vella ppropona lis-Sur Christian Micallef filwaqt li Dott Darren Carabott ssekonda u l-membri qablu unanimament.

## 5.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 5.6.2 Jum Santa Venera

5.6.2.1 Ċelebrazzjoni - il-Vici Sindku Gianluca Falzon spjega l-proposti li s-Sotto Kumitat kien qieghed jipproponi dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum santa Venera 2019 fejn bħala lokazzjoni ġie ssuġġerit sabiex din l-attivita issir fuq barra f'Misraħ Santa Venera.

Wara diskussjoni bejn il membri ġie innutat li mill-għadd finanzarju, l-ispiża kienet ser taqbeż konsiderevolment l-ammont ta' €3,500 li huwa allokat għal Jum Santa Venera.

Barra minn hekk is-Sa Courtney Farrugia talbet lill-Viċi Sindku sabiex jippreżenta iktar minn proposta waħda. Wara diskussjoni, ġie deċiż sabiex il-Vici Sindku jerga' jlaqqa' s-Sotto Kumitat tiegħu sabiex il-proposta tkun riveduta minħabba l-ispiza u b'hekk l-attivita' issir simili ta' kif kien suġġerit iżda fuq skala iżgħar minħabba l-allokazzjoni finanzjarja.

F'dan il-mument fid-9:30pm is-Sindku informa lill-membri li skont kif inhu stipulat fil-liġi, li l-ħin tal-laqgħa kien skada. Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri kollha li l-laqgha tkun aġġornata u l-aġenda titkompla l-Ħamis 10 ta' Ottubru, 2019 fis-6:30pm.

Konfermati, illum 11 ta' Novembru, 2019

| | |
|---|---|
| Stephen Sultana | Michael Mifsud |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |